C/2026/5093

30.9.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12635 – ITOCHU / DENTSU / DENTSU SOKEN)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/5093)

1. Fit-23 ta' Settembru 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— ITOCHU Corporation ("ITOCHU", il-Ġappun),

— Dentsu Group Inc. ("Dentsu Group", il-Ġappun),

— Dentsu Soken Inc. ("Dentsu Soken", il-Ġappun), li bħalissa fl-aħħar mill-aħħar huwa kkontrollat biss minn Dentsu Group.

ITOCHU u Dentsu Group se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Dentsu Soken kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' offerta pubblika mħabbra fil-31 ta' Awwissu 2026.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— ITOCHU hija kumpanija kummerċjali u ta' investiment li topera fis-setturi tat-tessuti, tal-makkinarju, tal-metalli u tal-minerali, tal-enerġija u tas-sustanzi kimiċi, tal-ikel, tad-djar u tal-proprjetà immobbli, tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u tas-servizzi.

— Dentsu Group jispeċjalizza fir-reklamar u l-komunikazzjonijiet globalment.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' Dentsu Soken huma dawn li ġejjin: il-forniment ta' servizzi tal-IT u konsulenza, inklużi l-integrazzjoni tas-sistemi, il-konsulenza tal-IT, l-iżvilupp tas-software, l-esternalizzazzjoni tal-proċess tan-negozju u s-soluzzjonijiet ta' trasformazzjoni diġitali, primarjament fil-Ġappun.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]), għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12635 — ITOCHU / DENTSU / DENTSU SOKEN

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË